FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 16**

**Avviz. numru 713/01JR**

**Cauchi Poultry Ltd.**

**vs**

**Priceclub Operators Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Awissu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u sittin lira Maltija (Lm960.00), bilanc ta' somma akbar prezz ta' konsenji ta' bajd mibjugha u konsenjati mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta fis-supermarket taghha ta' l-Imsida.**

**Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra li s-socjeta` baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher**

**rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Godwin Cauchi, Direttur tas-socjeta` attrici, li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta' disa' mija u sittin lira Maltija (Lm960.00), bl-imghaxijiet legali mill-10 t'Awissu, 2001 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**